**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 64

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 13 ta' Marzu 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier
Daniel Mallia – Viċi Sindku

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

64.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm. Biss is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ftit minuti qabel il-laqgħa hija ġiet ikkuntatjatha mis-Sur Zahra fejn dan infurmaha li ser jasal daqsxejn tard għas-seduta.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 63

64.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tielet u sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

64.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

64.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tat-tielet u sittin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

64.3.1 <u>Manutenzzjoni fuq il-Latrini Pubbliċi fi Pjazza Trasfigurazzjoni u Latrini Pubbliċi fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>

Is-Sur Dalli spjega li kif tkellem fl-aħħar seduta, bħalissa qed issir il-manutenzzjoni li hemm bżonn biex tibda tintuża in-naħa tal-latrini li kienu tan-nisa għal kulħadd (kemm irġiel u kif ukoll nisa). Is-Sindku qal li kemm il-darba din ma tkunx lesta sal-ġurnata tal-festa tad-duluri, huwa issuġġerixxa li jinkrew mobile toilets għall-perjodu mill-Ġimgħa 22 ta' Marzu, 2024 minn filgħodu sal-Ġimgħa l-Kbira 29 ta' Marzu, 2024. Dan minħabba li ħafna nies jaf iżuru l-lokalita ta'Ħal Lija għal purċissjoni tad-Duluri u l-visti f'Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira.

Il-Latrini Pubbliċi fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv huma miftuħin, jiffunzjonaw sew u grazzi għal kuntrattur tal-Kunsill qed jinżammu nodfa ħafna. Biss is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinfurmah iħalli dawl jixgħel mal-lejl u mhux jitfih. Jekk hemm xi problema filkas il-Kunsill għandu jara jekk jistax isir sensor biex jixgħel u jitfi waħdu appena wieħed jidħol u joħroġ mill-latrina.

64.3.2 <u>Malta Public Transport</u>

Is-Sur Dalli qal kif il-meeting ma' Malta Public Transport dwar ir-rotot 106 u 54 sar. Din l-entita laqgħet s-suġġerimenti tal-Kunsill b'mod tajjeb ħafna. Issa Malta Public Transport reġgħat qed titlob għal meeting ieħor biex taddatta dawn is-suġġerimenti anke għal rotta 54. Dwar ir-rotta 106, Malta Public Transport aċċettat li tidħol sa ħdejn il-Kunsill u tinzel u toħroġ minn Triq Kananea. Appena jkun hemm qbil finali fuq kollox, irid jiġi approvat kollox waqt seduta tal-Kunsill u anke Malta Public Transport trid l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

63.3.3 <u>Meeting għand il-Ministeru tat-Trasport</u>

Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera kif fit-12 ta' Marzu 2024, huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv irċevew stedina biex jiltaqgħu ma' rappreżentant tal-Ministru tat-Trasport dwar issues li jmorru lura aktar minn sentejn, li TM qatt ma indenjat ruħa tiltaqgħa dwarhom mal-Kunsill. Waqt dan il-meeting sitt issues ġew diskussi fosthom:

1. Aċċess adekwat għal bdiewa fi Ħalmann – (TM sejra fuq post biex tara x'jista jsir l-aħjar biex il-bdiewa jiġu akkomodati);
2. Crossing sigur għaċ-ċimiterju ta' Ħal Lija – (TM ser tkellem lis-sezzjoni tal- ITSD dwar dan biex tgħin lil Kunsill);
3. Speed Camera qabel iċ-ċimiterju ta' Ħal Lija – (TM ser tkellem lis-sezzjoni tal-ITSD dwar dan biex tgħin lil kunsill);
4. Implimentazzjoni ta' parkings bay fi Trejqet Francis Anthony Fenech – (TM semgħat it-talba tal-Kunsill biex minnflokk MC bay fuq ġewwa ssir bay ta' karozza. TM sejra fuq il-post ukoll dwar dan);
5. Implimentazzjoni ta' one way fl-akwata ta' Ħalmann – (Ġie ssuġġeriet mill-Kunsill li din it-triq tiġi one-way biss fil-peak hours tal-ġurnata bit-tama li tkun except for residents/farmers. Il-Kunsill Lokali nforma lil TM kif anke qed issiru diskussjonijiet individwali mar-residenti li joqgħodu f'din l-akwata. Qabel ma ssir one-way din hija xi ħaġa mportanti li ssir biex ikun hemm feedback mingħand kulħadd.)

6. Re-instatement tat-tarmac li baqa jsir fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u Triq it-Tabor (inkonnessjoni mal-Proġett tal-bankini fi Vjal it-Trasfigurazzjoni) – (TM ser tiprova tgħin biex tinstab soluzzjoni għal problema li hemm ħalli jingħata t-tarmac kif suppost malajr kemm jista jkun.)

Kien hemm diskussjoni fit-tul dwar kull issue u jidher li hemm rieda tajba biex tinstab soluzzjoni ħalli jkun hemm pass il-quddiem għal ġid tal-lokali u r-residenti kollha.

63.3.4 <u>Exhibition tal-Kamra tan-nar – Reġjun Lvant</u>
Is-Sindku qal kif il-meeting bejn il-Kunsill, l-għaqdiet tal-kamra tan nar u r-Reġjun Lvant, dwar l-lexhibition tan-nar sar. Kien hemm rappreżentant minn kull kunsill (Lija, B'Kara u Għargħur), rappreżentant minn kull kamra tan-nar u sintendi anke rappreżentanti mir-Reġjun Lvant. Din l-attivita mixja u bħala exhibition suppost ser titella u tirnexxi. Aktar dettalji l-quddiem.

*Il-Ħin kien 5:56pm x'ħin wasal il-Kunsillier is-Sur Joseph Zahra*

## 64.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

64.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 64.5 Korrispondenza

64.5.1 Is-Sur Mallia staqsa dwar korrispondenza numru 2024/000237. Is-Sindku nfurmah kif hemm persuna qed terġa titlob biex jiġu nstallati l-bollards li fil-passat tneħħew minn Triq il-Mosta kantuniera ma' Triq Agostino Portelli. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif ir-residenti dawk il-bollards qatt ma rieduhom u f'dan l-istadju l-Kunsill xorta ma jistax jieħu azzjoni għaliex dik hija triq arterjali u ma taqax taħt ir-responsabbilta tiegħu.

64.5.2 Is-Sur Mallia staqsa dwar korrispondenza numru 2024/000241. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv infurmawh kif dik kienet korrispondenza bejn il-Kunsill u l-Dipartiment tal-Kuntratti, għaliex dwar it-tender tal-knis kien hemm kuntrattur li għamel appell. Filfatt il-Kunsill Lokali flimkien mal-avukat u l-evalwaturi ġew imsejħa biex jidru quddiem il-PCRB dwar dan l-appell fil-25 ta' Marzu. Din id-data pero jaf ser tinbidel peress li l-avukat fil-ġurnata u l-ħin mgħottija huwa ndisponibbli minħabba mpenji oħra.

64.5.3 Is-Sinjura Farrugia xtaqet tkun taf x'inhi korripondenza numru 2024/000261. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku nfurmatha li dik kienet imejl mibgħuta mingħand resident dwar kif saru l-linji tal-parkeġġ fi Triq tal-Mirakli. Bħala parkeġġ kienu saret biss linja bajda dotted u l-karozza jirranġaw huma kif jipparkjaw. Dan ir-resident qed jilmenta għaliex qed jgħid li fl-opinjoni tiegħu aħjar jerġgħu jsiru kaxxa minħabba ċertu ħela u abbużi.

64.5.4 Is-Sinjura Farrugia xtaqet tkun taf x'inhi korrispondenza numru 2024/000262. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku nfurmatha li dik kienet imejl b'ilment mingħand resident fuq Triq il-Kbira dwar over speeding f'din it-triq u ċertu llegalitajiet oħra bħal double parking fejn id-dolċeria. Is-Sindku qal kif ser jitħadded dirett ma' dan ir-resident dwar din il-problema.

## 64.6 Laqgħa tal-Lokalita – L-Ewwel laqgħa għas-sena 2024

64.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif hemm stipulati fi atiklu 70 fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali (KAP 363) iridu jinżammu żewġ laqgħat tal-lokalita' fis-sena biex ikun hemm aktar kuntatt mar-residenti. L-ewwel laqgħa annwali għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April ta' kull sena fejn fiha jiġi ppreżentat r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma.

64.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid kif ir-rapport amministrattiv bħalissa għadu qed jiġi kkumpilat u appena jkun lest ser tibgħat kopja draft tiegħu lil kunsilliera kollha. Ir-rapport finanzjarju u l-pjan ta' Ħidma diġa ġew approvati fi seduti preċedenti. Is-Sinjura Seguna fakret ukoll lil Kunsilliera biex sa l-aħħar ta' Marzu 2024, jibgħatu r-rapporti ta' ħidma tagħhom biex dawn jiddaħlu fir-rapport amministrattiv.

64.6.3 B'mod unanimu kien hemm qbil biex din il-laqgħa annwali ssir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill fit-3 t'April 2024 fis-6:00pm.

## 64.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

64.7.1.1 <u>Approvazzjoni Ħruġ -Tender għas-servizz tal-iskart goff (bulky refuse)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kunsilliera li t-tender tal-bulky refuse kurrenti li għandu l-Kunsill ser jiskadi fi Ġunju u sintendi jrid jinħareġ dokument ġdid. Dan il-dokument ġie ppreparat abbażi tat-tender li għandu kurrenti l-Kunsill u ntbgħat anke għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Appenna jkun lest u approvat minn naħa tad-Dipartiment ser jintbgħat kopja tiegħu b'imejl lil Kunsilliera kollha, qabel ma jiġi ppubblikat fuq is-sistema tal-EPPS.

64.7.1.2 Il-Kunsilliera kollha qablu u ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

64.7.2.1 <u>Approvazzjoni Ħruġ – Tender Servizz tal-Patching</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kunsilliera li t-tender tal-patching kurrenti li għandu l-Kunsill ser jiskadi fi Awwissu u sintendi jrid jinħareġ dokument ġdid. Dan il-dokument ġie ppreparat abbażi tat-tender li għandu kurrenti l-Kunsill u ser jintbgħat anke għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Appenna jkun lest u approvat minn naħa tad-Dipartiment ser jintbgħat kopja tiegħu b'imejl lil Kunsilliera kollha, qabel ma jiġi ppubblikat fuq is-sistema tal-EPPS.

64.7.2.2 Il-Kunsilliera kollha qablu u ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

64.7.3.1 <u>Aġġornament dwar il-pjanta tal-linji tal-parkeġġ fi Triq Francis Anthony Fenech</u>
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv taw update lil Kunsilliera dwar l-implimentazzjoni tal-linji tal-parkeġġ u kaxxi fi Triq Francis Anthony Fenech.

64.7.3.2 Is-Sindku qal kif wara meeting li sar il-Ministeru tat-Trasport li preżenti għalih kien hemm Transport Malta, Transport Malta semgħat it-talba tal-Kunsill fejn minnflokk il-MC Bay li sar fuq ġewwa ssir kaxxa għal karozza. Transport Malta sejra fuq il-post ukoll dwar dan biex terġa tagħmel site inspection u ser tkellem lura lil Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni

64.7.4.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Ittra mingħand is-Segretarju Eżekuttiv dwar talba għall-leave tal-maternita</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa Seguna, ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ittra fejn infurmat lil Kunsilliera bit-talba tagħha biex tieqaf għal ftit żmien milli taqdi d-dmirijiet tagħha bħala Segretarju Eżekuttiv mit-30 ta' Ġunju 2024 sat-31 ta' Diċembru 2024, dan minħabba leave tal-maternita. Hija ressqet formola ukoll għall-approvazzjoni biex b'hekk mill-1 ta' Lulju 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 jinħatar id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-assenza tagħha, li fil-każ tal-Kunsill hija l-Assistent Prinċipal, Is-Sa Dorianne Bonnici Bondin.

64.7.4.2 B'mod unanimu s-Sindku u l-Kunsilliera approvaw it-talba tal-leave tal-maternita tas-Sa Seguna u anke li tinħatar is-Sa Bonniċi Bondin bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-assenza tas-Sa Seguna.

64.7.5.1 <u>Kontijiet addizzjonali biex jinġabar l-iskart miċ-ċimiterju – Proposta biex ikun approvat xiri ta' skip on wheels</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku nfurmat lil Kunsilliera kif il-Kunsill irċieva kontijiet mir-Reġjun Lvant biex jitħalsu rigward ġbir tal-iskart miċ-ċimiterju. Ir-Reġjun Lvant nforma lil kunsill kif dan l-iskart talli qed jinġabar hemm ħlas għalih apparti minn dak domestiku. Ġie spjegat li fl-1 ta' Ġunju 2023 ir-Reġjun Lvant iffirma kuntratt apparti mal-kollettur tal-ġbir tal-iskart, għal sena u kien hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet li l-ammont tal-ħlas per day biex jinġabar l-iskart miċ-ċimiterju huwa ta' 90 EUR.

64.7.5.2 Is-Sindku tal-parir li l-Kunsill jinvesti u jixtri Skip Wheelie bin (bħal tal-kenniesa) biex l-iskart taċ-ċimiterju ta' kuljum jintefa ġo fihom u b'hekk dan l-iskart ma jkunx hemm bżonn li jinħareġ kuljum u l-Kunsill jifranka daqsxejn mill-ispejjeż. Dwar dan tressqet kwotazzjoni li l-Kunsill akwista riċenti fi ftit żmien qasir. Il-Kunsilliera kollha ma sabux oġġezzjoni u qablu dwar dan ix-xiri minnufih.

64.7.6.1 <u>SPI SCI 6/2024 - Skema Community Inclusive Employment Scheme (CIES)</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja ta' skema kif ħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskema (CIES). Is-Sa Seguna spjegat kif l-objettiv ewlieni ta' din l-iskema huwa li toffri opportunita' ta' xogħol

lil persuni b'diżabilita'. L-iskema tista tiprovdi xogħol fuq bażi full time jew anke part-time, din hija deċizjoni tal-Kunsill. Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali tagħti rifużjoni tal-paga gross u l-bonuses lill-Kunsill Lokali wara li jiġu sottomessi d-dokumenti kollha rilvanti. Il-Kunsill huwa obbligat li jħallas il-parti tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurta Soċjali u f'każ li jkun hemm overtime dak jrid ukoll jitħallas mill-Kunsill. Kemm il-darba interessat il-Kunsill Lokali għandu ċans jissottometti applikazzjoni sa, mhux aktar tard mill-Ġimgħa 12 ta' April 2024.

64.7.6.2 Is-Sindku ressaq proposta biex il-Kunsill japplika għal driver / maintenance worker fuq bażi full-time. Il-persuna ngaġġatha ser tkun qed tieħu ħsieb li ssuq il-vann tal-elettriku tal-Kunsill kull meta jkun hemm xi appuntamenti mediki u meta ma jkunx hemm appuntamenti jrid isir xogħol ta' manutezzjoni skond kif meħtieġ mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera qablu mas-Sindku u ma sabux oġġezzjoni. Ser tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

64.7.7.1 <u>Preparazzjonijiet biex jinħareġ edizzjoni tal-Fuljett tal-Kunsill fi Mejju 2024</u>
Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif fil-jiem li ġejjin ser jibdew il-preparamenti biex jinħareġ l-edizzjoni li jmiss tal-Fuljett: leħen tal-Kunsill. Il-pjan huwa li l-fuljett li jmiss jinħareġ u jkun lest għal Mejju. Dan ser ikun fuljett kommemorattiv tal-Kunsill u s-Sur Dalli talab lil Kunsilliera biex kollha kemm huma kemm jista jkun malajr jiprovdu write up ħalli tkun inkluża fil-fuljett bħala tifkira tal-ħidma tal-Kunsill taħt din il-leġislatura.

64.7.7.2 Il-Kunsilliera kollha ma sabux oġġezzjoni.

64.7.8.1 <u>Żjara Vista Vari fil-Belt Valletta – Approvazzjoni biex ikun hemm sussidju tat-Trasport</u>
Il-Kunsilliera kollha ġew infurmati kif nhar il-Ħamis 28 ta' Ġunju 2024, ikun Ħamis ix-Xirka, ser tiġi organizzatha żjara fil-Belt Valletta fejn ser jkun hemm visti fi diversi knejjes. Is-Segretarju Eżekuttiv saqsiet lis-Sindku u lil Kunsilliera jekk it-trasport mhux ser ikun bla ħlas u ssussidjat mill-Kunsill.

64.7.8.2 Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu b'mod unanimu biex it-trasport jkun issussidjat mill-Kunsill Lokali.

64.7.9.1 <u>Il-Konok fi Vjal it-Trasfigurazzjoni</u>
Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill stampa ta' konka fi Vjal it-Trasfigurazzjoni li resident ħa l-inizjattivita li jimliha bil-mulch fejn hemm il-ħamrija. Is-Sur Dalli qal kif filfatt huwa tħadded mal-ġardinar dwar dan il-mulch għax bħala dehra jagħmel sabiħ u l-ġardinar anke nfurmah li bil-mulch normalment ma tantx jitla aktar ħaxix ħażin. Għalhekk huwa nforma lil Kunsilliera kif il-Kunsill ser iħalli f'idejn il-Kuntrattur biex jġib kwotazzjoni għal dan il-mulch u titressaq għad-diskussjoni fi seduta oħra. Il-Kunsilliera ħadu nota.

64.7.9.2 Fuq nota oħra dwar il-konok, il-Viċi Sindku staqsa dwar il-konok li hemm vojta u t-tħawwil ta' siġar tal-Oleander ġodda li kellu jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku nfurmah kif dalwaqt, il-ġimgħa d-dieħla, is-sitt pjanti tal-Oleander li kien ordna l-Kunsill ser jibdew jitħawlu fil-konok il-vojta.

## 64.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

64.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 3/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €177.52 għax-xahar ta' Frar.

64.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 3/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsilliera Joseph Zahra. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 64.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

64.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjonijiet alarmanti riċenti ma kienx hemm.

## 64.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

64.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

64.12.2 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia qal li hemm ħafna ħmieg b'mod speċjali tal-ħamiem fuq iz-zuntier. Is-Sur Dalli qallu li bħala knis u tindif dak mhux qiegħed imniżżel fil-kuntratt kurrenti tal-Kunsill biex isir. Fil-Kuntratt il-ġdid issa tniżżel biex jitnaddaf mill-kennis. Pero is-Sindku qal li jekk filkas sakemm il-Kunsill għadu bil-kuntrattur kurrenti filkas tintalab kwotazzjoni ta' kemm hija l-ispiża biex iz-zuntier jitnaddaf, minħabba li huwa post ċentrali ħafna ħdejn il-Kunsill u biex forsi tkun possibli ssir tindifa tal-akwata qabel il-purċissjoni tad-Duluri/Ġimgħa Kbira.

64.12.3 Il-Kunsillier Cini staqsa jekk il-Kunsill jistax jgħin lil mużew tal-bniet biex ukoll jifranka ħafna ħmieġ li qed jiġi kkawżat mill-ħamiem, forsi tista ssir xi ilqugħ bħal tinda tal-perspex biex ħmieġ tal-ħamiem jaqa fuqha u mhux quddiem il-bieb tal-mużew. Din hija għaqda volontarja u kull għajnuna tgħodd. Is-Sindku fehem il-punt tal-Kunsillier Ċini, u ħa jara jekk il-Kunsill jistax b'xi mod ikun ta' għajnuna, pero l-Kunsill irid joqgħod attent għaliex inkella kull min għandu problema tal-ħmieġ tal-ħamiem quddiemu jibqa jiġi jitlob tinda ukoll, kemm jekk hija residenza jew ħanut.

64.12.4 Il-Kunsillier Donio Ċini qal proset lil Kunsill kollu u lil kuntrattur tal-Kunsill tal-fanali ġodda tad-dawl li tweħlu fil-ġnien s'issa. Biss huwa fakkar lis-Sindku fiż-żewġ fanali li għadt baqa jsiru fil-passaġġ. Is-Sindku qalli li jaf bihom u mhux ser jintessew filfatt huwa nforma lil Kunsilliera li jaf ikun il-bżonn li l-Kunsill jixtri tlett fanali oħra addizzjonali u kemm il-darba jkun hemm fondi mir-Reġjun Lvant umbgħad l-ispiża tittieħed minn hemm. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni.

64.12.5 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia staqsiet dwar dik l-art bil-ħamrija li hemm fil-ġnien u jekk Project Green tistax tkun ta' għajnuna biex tiġi rranġatha. Is-Sindku nfurmaha kif alissa Project Green qed taħdem fuq il-ġnien li ser jiġi żviluppat fi ġnien pubbliku fi Triq Merino u Triq il-Vittmi tal-Kamra tan-nar. Kompla jgħid kif dwar dik l-art li għamlet referenza għaliha s-Sinjura Farrugia, l-ewwel il-Kunsill jixtieq li jkollu d-devoluzzjoni tal-ġnien f'idejh minn Lands Department. L-applikazzjoni dwar din id-devoluzzjoni qed taħdem fuqha l-amministrazzjoni fid-dettal. Fuq nota oħra s-Sindku nforma anke lis-Sinjura Farrugia li l-applikazzjoni dwar l-iskema ta' community garden fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, ġiet sottemmessa mill-amministrazzjoni diga mal-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

64.12.6 Il-Ħin kien 6:40pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 17 ta' April 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' April 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |